

**Brussell, 31 ta' Lulju 2025
(OR. en)**

12034/25

**ACP 79
WTO 69
COASI 92
RELEX 1060
UD 179**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Lulju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 436 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2059 tas-7 ta' Diċembru 2020 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, rigward l-emendar ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Protokoll II għall-Ftehim dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, fir-rigward tal-akkumulazzjoni ma' pajjiżi ġirien li qed jiżviluppaw

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 436 final.

Mehmuż: COM(2025) 436 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.7.2025
COM(2025) 436 final

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2059 tas-7 ta' Diċembru 2020 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, rigward l-emendar ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Protokoll II għall-Ftehim dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' “prodotti oriġinarji” u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, fir-rigward tal-akkumulazzjoni ma' pajjiżi ġirien li qed jiżviluppaw

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea minn naħa, u l-Istati tal-Paċifiku min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), għandu l-għan li (a) jgħin lill-Istati tal-Paċifiku jibbenefikaw mill-aċċess imtejjeb għas-suq li toffri l-Unjoni Ewropea ("l-UE"); (b) jippromwovi żvilupp ekonomiku sostenibbli u l-integrazzjoni gradwali tal-Istati tal-Paċifiku fl-ekonomija dinjija; (c) jistabbilixxi żoni ta' kummerċ ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati tal-Paċifiku ibbażati fuq interess komuni, permezz tal-liberalizzazzjoni progressiva tal-kummerċ b'mod konformi mar-regoli applikabbli tad-WTO u mal-prinċipju tal-asimetrija, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi u l-limitazzjonijiet tal-kapaċità tal-Istati tal-Paċifiku, mil-lat ta' livelli u żmien magħżul għall-impenji; (d) jistabbilixxi l-arranġamenti xierqa għas-soluzzjoni tat-tilwim; u (e) jistabbilixxi l-arranġamenti istituzzjonali xierqa.

L-UE ffirmat il-Ftehim¹ fit-13 ta' Lulju 2009, u dan ġie applikat b'mod proviżorju minn Papua New Guinea u mir-Repubblika ta' Fiġi mill-20 ta' Diċembru 2009 u mit-28 ta' Lulju 2014 rispettivament. Wara l-adeżjoni tagħhom, l-Istat Indipendenti ta' Samoa u l-Gżejjer Solomon ukoll bdew japplikaw il-Ftehim b'mod proviżorju mill-31 ta' Diċembru 2018 u mis-17 ta' Mejju 2020 rispettivament.

F'Ottubru 2019, il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati tal-Paċifiku qablu li jemendaw ċerti dispożizzjonijiet tal-Protokoll II dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva. L-emenda kellha l-għan li taġġorna d-dispożizzjonijiet dwar ir-regoli tal-orijini skont l-aktar żviluppi riċenti u li tipprovdi regoli tal-orijini ssimplifikati u aktar flessibbli lill-operaturi ekonomiċi.

Fis-7 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2059² dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Kummerċ fir-rigward tal-emenda ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Protokoll II dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, li jinkludu t-tħassir tal-Artikolu 4 bis u l-Anness VIII A, relatati mal-akkumulazzjoni tal-Istati tal-Paċifiku ma' pajjiżi ġirien li qed jiżviluppaw.

Matul il-proċess ta' adożzjoni, Fiġi u Samoa qajmu riżervi dwar it-tħassir tad-dispożizzjonijiet relatati mal-akkumulazzjoni ma' pajjiżi ġirien li qed jiżviluppaw, u talbu li daww id-dispożizzjonijiet jinżammu fil-Protokoll II.

Fl-10 laqgħa tal-Kumitat tal-Kummerċ, il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati tal-Paċifiku qablu li jżommu d-dispożizzjonijiet relatati mal-akkumulazzjoni ma' pajjiżi ġirien li qed jiżviluppaw. Il-Partijiet approvaw ukoll il-verżjoni finali tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ u tal-Protokoll II emendat, li jenħtieġ li jiġi adottat fil-11-il laqgħa tal-Kumitat tal-Kummerċ fl-2026.

Din ir-rakkomandazzjoni tfittex li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2059 tas-7 ta' Diċembru 2020 billi żżomm l-Artikolu 4 bis u l-Anness VIII A relatati mal-akkumulazzjoni

¹ ĠU L 272, 16.10.2009, p. 2

² ĠU L 424, 15.12.2020, p. 22. Ara wkoll id-dokumenti ST 10898/20 u ST 10899/20 fuq <http://register.consilium.europa.eu>

ma' pajjiżi ġirien li qed jiżviluppaw u billi tippermetti l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ fil-11-il laqgħa tal-Kumitat tal-Kummerċ.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

L-emenda hija konsistenti mad-dispożizzjonijiet relatati inklużi fi Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika oħra konklużi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-emenda hija konsistenti mal-politika kummerċjali mal-Pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim."

Il-kunċett ta' "atti li jkollhom effetti legali" jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw is-sede kkonċernata. Jinkludi wkoll strumenti li ma jkollhomx effetti vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni"³.

L-att li l-Kumitat tal-Kummerċ qed jintalab jadotta, jikkostitwixxi att li għandu effetti legali u se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikoli 8, 68 u 78 tal-Ftehim.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għaldaqstant, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Ma twettqet l-ebda valutazzjoni tal-impatt. Permezz ta' din ir-rakkomandazzjoni, l-UE se tkompli tilħaq l-oġettiv tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika mal-Istati tal-Paċifiku.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din ir-rakkomandazzjoni ma għandha l-ebda implikazzjoni baġitarja.

5. ELEMENTI OĦRA

Mhux applikabbli

³ Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014 fil-Kawża C-399/12, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2059 tas-7 ta' Diċembru 2020 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, rigward l-emendar ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Protokoll II għall-Ftehim dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, fir-rigward tal-akkumulazzjoni ma' pajjiżi ġirien li qed jiżviluppaw

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2059 tas-7 ta' Diċembru 2020⁴ awtorizzat lill-Kummissjoni Ewropea tadotta deċiżjoni fi ħdan il-Kumitat tal-Kummerċ li temenda l-Protokoll II;
- (2) Fiġi u Samoa qajmu riżervi tal-aħħar minuta u talbu li fil-Protokoll II jinżammu d-dispożizzjonijiet relatati mal-akkumulazzjoni ma' pajjiżi ġirien li qed jiżviluppaw;
- (3) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2059 tas-7 ta' Diċembru 2020 u l-anness tagħha jiġu emendati kif xieraq.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2059 tas-7 ta' Diċembru 2020 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, rigward l-emendar ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Protokoll II għall-Ftehim dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva hija emendata f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2059 huwa tas-7 ta' Diċembru 2020 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

⁴ ĠU L 424, 15.12.2020, p. 22.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

F'isem il-Kunsill

Il-President